MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2008

Numru 4/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Giosue' Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 4 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Giosue' Gauci, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tmienja (8) ta' Frar, elfejn u hamsa (2005) tas-Sliema, ghall-habta ta' l-ghaxra w nofs ta' filghodu (10.30 a.m.), Giosue' Gauci waqt li kellu argument ma' Ronald Azzopardi dwar xi negozju, l-istess Giosue' Gauci spara arma tan-nar fid-direzzjoni ta' Ronald Azzopardi w dana dolozament bil-hsieb li joqtol lil Ronald Azzopardi jew li jqieghdlu l-hajja tieghu f'periklu car, u laqtu f'darhu izda fortunatament l-istess Ronald Azzopardi ma mietx.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Giosue' Gauci sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil- hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Giosue' Gauci hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-hin u taht ic- cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' fit-8 ta' Frar, 2005, Giosue' Gauci pprova joqtol lil Ronald Azzopardi b'arma tan-nar meta spara diversi tiri fid-direzzjoni ta' Ronald Azzopardi w laqtu.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Giosue' Gauci sar hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna (barra minn omicidju nvolontarju jew offiza fuq il- persuna nvolontarja) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari w dan mhux ghal xi ghan legittimu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Giosue' Gauci hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna (barra minn omicidju

nvolontarju jew offiza fuq il-persuna nvolontarja) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari w dan mhux ghal xi ghan legittimu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 19, 26 u 27 tal-Kap. 66 u fl-

artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il- ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'sitt (6) voti favur u bi tlitt (3) voti kontra, sabu lill-akkuzat hati skond l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, b' dana pero' li r-reat huwa skuzabbli , ghaliex sar fil-waqt li l-hati kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha, fil-waqt tad-delitt ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu

w b'sitt (6) voti favur u bi tlitt (3) voti kontra sabu lill-akkuzat hati skond t-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza

Tiddikjara ghalhekk lil Giosue' Gauci hati :-

1. talli fit-8 ta' Frar, 2005, ghall-habta ta' l-ghaxra w nofs ta' filghodu (10.30 a.m.) f' tas-Sliema, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Ronald Azzopardi jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill- volonta' tieghu, b' dana pero' li r-reat huwa skuzabbli , ghaliex sar fil- waqt li l-hati kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu w dana fir-rigward tal-Ewwel Kap tal-Att tal- Akkuza.
2. talli fit-8 ta' Frar, 2005, ghall-habta ta' l-ghaxra w nofs ta' filghodu (10.30 a.m.) f' tas-Sliema, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari,

imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari w dan mhux ghal xi ghan legittimu, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Semghet ix-xhieda ta’ mart il-hati Georgina Gauci w ta’ Fr. Michael Agius li ddeponew dwar il-karattru tal-hati w il-fatt li ghamel atti ta’ karita’ f’ammonti sostanzjali.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Arthur Azzopardi, li jinsabu kollha registrati w senjatament (imma mhux biss) is-segwenti:-

1. illi l-verdett kien wiehed minimu ta’ sitt voti kontra tlieta;
2. li ghalkemm fil-fedina penali tal-hati kien hemm diversi kundanni, uhud minnhom kienu biss ta’ infrazzjonijiet minimi jew ksur tal-ligijiet tat-traffiku jew inkella ksur ta’ ligijiet amministrattivi, eccetto l-ahhar kundanna lilu moghtija fis-sena 2002 ghar-reat kontinwat ta’ mizappropjazzjoni ta’ taxxa ta’ somma ta’ LM 22,689.02 dovuta lill-Gvern Malti li giet fdata lilu w lill-diretturi ohra ta’ kumpannija kummercjali, liema somma pero’ skond l-Avukat Difensur issa thallset;
3. li l-hati kkollabora mal-Pulizija w li kien hu stess li mar ghand il-Pulizija wara l-incident;
4. li l-gurati abbraccaw it-tezi difensjonali li l-hati aggixxa taht l-influenza istantanja jew agitazzjoni tal-mohh;
5. li l-vittima f’ebda hin ma kien fil-periklu tal-mewt skond it-tobba;
6. li hemm ukoll il-kondizzjoni medika tal-hati;
7. li l-flus dovuti lilu minn Ronald Azzopardi sal-lum kien ghandhom ma thallsux.
8. u fuq kollox li l-vittma Ronald Azzopardi ddikjara quddiem din il-Qorti li hu hafer lill-hati.

Ghalhekk, ghalkemm f’dan il-kaz ma kienx possibbli li tinghata piena ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza w lanqas li jigi applikat xi provvediment taht l-Att dwar il-

Probation, kien il-kaz li l-Qorti taghti piena fil-minimu taghha li f'dan il-kaz hu ta' tlitt snin prigunerija.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara :

1. illi f'dan il-kaz si trattava ta' htija ta' zewg reati;
2. li ghalkemm il-piena fil-minimu taghha kienet ta' tlitt snin prigunerija il-massimu taghha kien ta' tnax il-sena prigunerija;
3. li mir-rizultanzi johrog li l-hati mar fl-ufficju ta' Ronald Azzopardi armat b'arma tan-nar u kulhadd jaf x'inhuma l-konsegwenzi tal-uzu tal-armi tan-nar u dan l-agir tal-hati kien estremament kundannabbli;
4. li ghalkemm jirrizulta li l-hati kellu jiehu somom ta' flus minghand Azzopardi, qatt ma kien gustifikat li juza din it-tip ta' vjolenza kontra tieghu b'intenzjoni omicida kif hareg mill-verdett;
5. filwaqt li kien minnu li Ronald Azzopardi f'ebda hin ma kien fil-periklu tal-mewt, fi kliem l-espert tal-Qorti Dr. Scerri ***"Dan kien ghax il-Bambin habbu"*** u ma ntlaqtux partijiet vitali tal-gisem li kienu ferm vicin it-trajjettorja tal-bullet li laqtitu;
6. ghalkemm jekk hu minnu li l-hati kien jaghmel donazzjonijiet ghall-karita' hu kien jammirah f'dan, ma setax jammirrah ghall-fatt li mar armat u pprova joqtol lil haddiehor;
7. f'kull kaz il-Qorti trid timxi ma kulhadd bl-istess qis ghax inkella min ma jkollux il-mezzi biex jaghmel il-karita' jigi trattat b'mod differenti minn min ikollu dawn il-mezzi.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni w id-difiza li bih qablu li l-piena applikabbli f'dan il-kaz tenut kont tal-estenwanti dwar l-Ewwel Kap hija dik ta' minimu ta' tlitt snin prigunerija u massimu ta' tnax il-sena prigunerija.

Ikkonsidrat;

Illi ghalkemm il-hati nstab hati taht iz-zewg kapi tal-Att tal-Akkuza, r-reat taht it-Tieni Kap ghall-fini tal-piena ghandu jigi assorbit fir-reat taht l-Ewwel Kap skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali billi indubbjament serva bhala mezz

ghall-fini biex setgha jigi kommess ir-reat imsemmi fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

Illi fil-waqt li din il-Qorti tifhem u tapprezza s-sens ta' frustrazzjoni li seta' hakem lill-hati meta ghal xhur shah Ronald Azzopardi, minkejja weghdiet ripetuti w hrug ta' "cheques" li ma jigux onorati mill-banek, dejjem kien johroglu b'xi skuza biex ma jhallsux dak li kien legalment dovut lilu, din il-Qorti tqis li dan it-tip ta' agir, fejn ghall-darba darbtejn il-hati spara lil Azzopardi b'arma tan-nar, ma jista' jigi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li :
*"l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi"* w li *"mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta' civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x'inhi r-raguni."* (Ap. Krim. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi** [15-12-2005] u ohrajn).

Qieset ukoll dak li gie ritenut fis-sentenza Ingliza "Bancroft" (1981) [3 Cr. App. R. (S) 119] citata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kaz "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis sive Cikku Farrugia"**
[30/10/2003];

*"…notwithstanding that a man's reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control , there is still in every human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for . That must be the justification for passing a sentence of imprisonment , to recognise that there is still left some degree of culpability…"* **(ara Jeremy Horder : "Provocation and Responsibility" (OUP , 1992 p.120).**

Mill-banda l-ohra, hemm fattur determinanti f'din il-kawza li johrog mill-mahfra inkondizzjonata tal-vittma Ronald Azzopardi, u din il-Qorti ma tistax tinjora dan il-fatt u filwaqt illi trid izzomm quddiem ghajnejha il-gravita' tar-reat, tqis li huwa gust fic-cirkostanzi li l-piena tkun eqreb lejn il-minimu milli lejn il-massimu taghha f'dan il-kaz (ara

f'dan is-sens fl-App. Kriminali "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili"** [19/06/2008]).

Ghaldaqstant, wara l qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17 (h) 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1), 227(c), 228(2) u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 2, 19, 26 u 27 tal-Kap. 66 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Giosue' Gauci ghall-piena ta' sitt (6) snin prigunerija, b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' elf, mija w disghin Euro w dsatax il-centezmu (€1190.19c) (hames mija w ghaxar liri Maltin u hamsa w disghin centezmi [LM510.95]), import ta' l-ispejjez peritali, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------